# Kwadri Ex-voto tal-Baħar Maltin

**Joseph Muscat**

**L-ogħti ta' oġġetti bħala wegħda lill-allat beda wisq qabel ma deher il-Kristjaneżmu. Il-bniedem fi bżonn kbir jara d-djufija tiegħu u jdur lejn Alla għal għajnuna. Min jagħmel wegħda skond it-tagħlim Nisrani jrid izommha u jagħti dak li jkun wigħed. Fost bosta oġġetti li ngħataw bħala ex-voto ser insemmu l-iżjed il-kwadri tal-baħar li minnhom fil-gżejjer Maltin hawn bosta mijiet.**

**Kwadru wegħda jkun jingħaraf sew għax fuqu tara l-ittri kbar V.F.G.A. Dawk l-ittri jfissru *Voto Fecit Gratiam accepit*, voldieri għamilt wegħda u qlajt il-grazzja. Barra minn hekk għandek dejjem issib in-naħa ta' fuq tal-kwadru ikona tal-Madonna jew ta' xi xbiha oħra qaddisa. In-naħa t'isfel tal-kwadru bosta drabi ssib skrizzjoni li tfisser fil-qosor il-ġrajja li tidher fil-kwadru u l-isem tad-donatur jew ta' min ikun għamel il-wegħda.**

**Hawn ser nitkellmu biss dwar kwadri ex-voto li juru ġrajjiet tal-baħar iżda hemm fil-knejjes tagħna mijiet ta' kwadri oħra li juru ġrajjiet ta' mard, twelid ta' trabi, diżgrazzi ta' kull għamla u stejjer oħra. Wieħed jara wkoll oġġetti mogħtijin bħala wegħda bħal m'huma balal, bombi, xi biċċa qlugħ, bicciet ta' ħbula, ktajjen, manetti ta' l-ilsiera u x'naf jien. Jekk wieħed iżur is-Santwarji ta' Pinu u tal-Mellieħa jara b'għajnejh dak li qed ngħid.**

**Għalkemm s'issa għandna kitbiet dwar il-wegħdi tal-baħar mhux ħażin ma nistgħux ngħidu l-istess għall-każi ta' mard u ħlasijiet diffiċli ta' trabi. Ħasra li ftit tas-snin ilu certa Madame Galley minn Pariġi interessat ruhha fi studju bħal dan u ma' Cassar Pullicino ippublikat xi studji żgħar iżda milli jidher issa**

**kibret ħafna jew forsi m'għadiex magħna għax ma deher xejn iżjed mill-kitba tagħha.**

**Ara ma naħsbux li wegħdi tal-baħar u oħrajn issibhom f'Malta biss għax dawn il-kwadri ex-voto huma wirt li ssibu fil-Mediterran kollu. F'xi santwarji fl-Italja, fi Franza, fi Spanja u nħawi oħra tara mijiet kbar minnhom imdendlin f'posthom mal-ħitan tal-knejjes.**

**Hawn Malta l-ikbar għadd tal-kwadri wegħda juru bħala ikona lill-Madonna taħt bosta titli bhal ngħidu aħna l-Kuncizzjoni, Santa Marija, Tal-Karmnu, Tad-Dawl, il-Lunzjata u oħrajn. Insibu xi ftit li juru l-ikona tal-Kurcifiss jew tar-Redentur u oħhrajn juru xi qaddisin bħal San Ġużepp, Sant'Anna, San Ġorġ, San Franġisk ta' Pawla, San Pawl u oħrajn. Ta' min ikun jaf ukoll li d-devozzjoni lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju kienet qawwija ħafna u għalhekk bosta drabi taht l-ikona tal-Madonna tara xi erwieħ tal-Purgatorju wkoll.**

**Ħares sew lejn il-kwadri wegħda u tara minn xiex għaddew ta' qabilna meta baħħru f'kull żmien tas-sena biex jaqilgħu l-hobża ta' kuljium. Raw baħar jibla l-art, attakki minn ħut kbir, trombi ta' l-arja, il-ħruxija tal-kursari ta' Barbarija, tiksir tal-bastimenti tagħhom nawfraġji u x'naf jien. Tara baħrin jgħumu fil-baħar, oħrajn jilħqu l-art bit-tbatija, sajjetti jfaqqgħu mal-bastimenti u baħrin imqabbdin mas-sarsi u l-attrezzaturi ta' l-arbli u tal-qlugħ. U xi ngħidu meta tara baħrin bla ħwejjeġ jitqabdu mal-mewġ u magħhom tara btieti u baqar jgħumu fil-qrib. Afli trid teżamina l-kwadri mill-qrib u bla għaġġla ta' xejn biex tara kif id-donaturi riedu juru minn xiex għaddew u minn xiex inħelsu. Ġieli bastiment ħa n-nar u n-nies kollha ta' fuqu kellhom jaqbżu fil-baħar biex jeħilsu mill-infern li tkebbeż abbord. U meta bastiment ieħor beda jagħmel l-ilma l-ekwipaġġ kellu jħaddem il-pompi ta' l-ilma l-ħin kollu sa ma wasal Malta.**

**Id-donaturi jew min kien jagħti l-kwadri ex-voto min kienu ? Tista' tgħid li kull min kien ibaħħar xi darba jew oħra ta xi kwadru wegħda. Kien hemm kaptani, baħrin, passiġġieri, suldati, kavallieri, reliġjużi, nisa u oħrajn. U dawn ma kienux Maltin biss iżda fil-kwadri ssib l-ismijiet ta' barranin ukoll. Kien hemm Russi, Awstrijaċi, Svediżi, Ragusani minn Dubrovnik, Ingliżi u oħrajn.**

**L-ewwel kwadru datat hu dak li taralu s-sena 1631 fuqu u li jinsab fil-Muzew tas-Santwarju Ħaż-Żabbar. Izda fil-knisja tal-Ħniena fil-Qrendi tara kwadru li hu żgur ta' qabel l-1625 għax juri l-kapitana jew il-*flagship* ta' l-iskwadra tal-galeri ta' l-Ordni mizbugħa ħamra. Issa ta' min ikun jaf li l-kapitana bidet tinzebagħ bl-iswed fl-1625. Jista' jkun ukoll li fil-Mużew tas-Santwarju Ħaż-Żabbar issib xi kwadri tas-seklu sittax għalkemm ma juru l-ebda sena fuqhom.**

**Fis-sekli sbatax u tmintax il-wegħdi żdiedu ħafna iżda kien fis-seklu ta' wara li nsibu l-akbar għadd ta' wegħdi. Nistgħu ngħidu li mal-bidu tas-seklu għoxrin l-għoti tal-wegħdi tal-baħar waqaf ħesrem. Hemm ħafna raġunijiet x'wieħed iġib iżda ma naqsitx fil-bniedem il-fiduċja f'Alla f'kull ħtieġa. Illum tara eluf ta' wegħdi ta' xort'oħra u biżżejjed wieħed iżur is-Santwarji tal-Mellieħa, Tal-Ħerba f'Birkirkara u Ta' Pinu biex jara b'għajnejh stess kemm wegħdi għadhom isiru.**

**Ħarsa lejn l-iskrizzjonijiet fil-kwadri turi s-siwi tagħhom għal dik li hi l-istorja tal-baħar. Fil-kitba ssib dettalji bħalma huma t-tipologiji tal-bċejjeċ tal-baħar, ismijiet ta' kaptani u membri ta' l-ekwipaġġi, dati tal-ġrajjiet u rqaqat oħra importanti. U x'ingħidu mbagħad għat-topografiji jew id-dettalji ta' artijiet fejn tkun seħħet il-ġrajja murija fil-kwadri. Tara, pereżempju, it-**

**torrijiet tal-għassa ta' madwar ix-xtut ta' Malta, il-gżira ta' Filfla, bajjiet magħrufin bħal dik ta' Marsaxlokk, id-daħla għal Port il-Kbir u xeni ta' artijiet barranin.**

**L-interess storiku joħroġ waħdu; hekk biex insemmu każ wieħed dak ta' l-ixprunara Maltija. Waqt li l-kitba dwarha qajla kont issib f'Malta, mill-kwadri ex-voto seta' wieħed joħroġ l-istorja tagħha mis-seklu sbatax sal-1900. Hekk ħarġet l-evoluzzjoni ta' l-ixprunara b'mod viżiv. Dan nistgħu ngħiduh għall-bastimenti oħra bħal brig, bark, skuna, bombarda u oħrajn. Tassew l-interess storiku li ssib fil-kwadri jkompli jikber iżjed ma tgħarbilhom bir-reqqa.**

**Fil-kwadri ex-voto tal-baħar wieħed isib l-istorja marittima ta' Malta mhix miktuba. Biż-żieda ta' dokumenti li wieħed isib fl-arkivji ta' Malta jista' wieħed jorqom studji serji u ta' valur kbir. Mur sib, kieku ma kienux dawn il-kwadri, ċerti dettalji ta' bastimenti, l-ilwien użati fuqhom, l-għamla tal-qlugħ u attrezzaturi ta' ħbula.**

**Dan ngħiduh l-iżjed għal dawk il-kwadri li saru minn madonnari tajbin bhal ma kienu Mikiel u ibnu Vincenzo Gonzi. Il-madonnaru kien dak li xogħlu kien li jpitter kwadri ex-voto. Ma rridx ninsa nsemmi b'mod specjali lil Nikola Camilleri li l-ftit xogħlijiet li baqa' tiegħu juru l-ħila kbira li kellu biex ipinġi bastimenti mill-isbaħ. Xi wħud mill-kwadri li juru l-galeri tal-Ordni setgħu saru minn artisti kbar imħallsin mill-kavallieri. Kwadri oħra fqar u qishom xogħol tat-tfal saru forsi minn min għamel il-wegħda u ma setax iħallas għal xi xogħol tajjeb: dawn jidħlu ma' l-arti popolari u għandhom il-valur tagħhom ukoll.**

**Ħafna kwadri li saru fuq il-karta bl-akkwarella batew wisq tul is-snin. Barra l-umdita, il-kamla xi drabi għamlet ħerba sħiħa. Xogħlijiet li saru fuq tavlozzi ta' l-injam żammew sħiħ għalkemm xi wħud xpakkaw u fejn l-injam ingħata primitura bil-gibs l-umdita għamlet tagħha sew. Bosta kwadri saru fuq it-tila u ż-żebgħa żammet sewwa.**

**L-għedewwa prinċipali tal-kwadri kienu l-umdita u n-nugrufum, biex ma nsemmix ukoll dik il-lagħqa żejt tal-kittien li xi wħud kienu jagħtu biex min għalihom qed inaddfuhom. Għal bosta u bosta snin dawn il-kwadri ma rawx fuqhom l-iċken restawr. Iżda ta' min jgħid ukoll li llum l-interess fihom żdied ħafna, wisq iżjed minn xi erbgħin sena ilu. Illum sabu ruħhom ukoll f'wirjiet li minn żmien għal ieħor jittellgħu bħala biċċa mill-istorja soċjali, reliġjuża u kulturali tagħna.**

**Għalkemm fil-gżejjer Maltin hawn madwar 500 kwadri ex-voto tal-baħar, il-kollezzjonijiet il-kbar tagħhom issibhom f'Ħaż-Żabbar, Birkirkara u l-Mellieħa. Oħrajn żgħar tarahom fil-Qrendi, f'Wied il-Għajn, l-Isla u f'Ta' Pinu; fi knejjes żgħar issib waħdiet. Ma naqbilx ma' l-idea li l-kwadri u għamliet oħra ta' wegħdi jitneħħew mill-knejjes u jitqegħdu f'Muzewijiet. Ex-voto *in situ* voldieri f'postu ma' ħajt ta' knisja, ikollu tifsira reliġjuża iżda meta mdendel f'Muzew tħares lejh bħala oġġett ta' l-arti iżjed milli ħaġ'oħħra. Niftakar il-ħitan tal-knisja Tal-Ħerba miksijin bil-kwadri wegħdi. Illum tarahom f'sala kbira mal-ġenb tal-knisja, imdawlin sewwa iżda neqsin minn dik ix-xiħaġa li tgħollihom għal-livell reliġjuż.**

**Madwar erbgħin sena ilu, kull meta wieħed kien iħares lejn il-kwadri wegħdi, tħalli barra dawk ta' Ħaż-Żabbar, kienu jagħtu impressjoni ta' traskuraġni kbira. Ħadd ma kien jimpurtah minnhom; ħadd ma kien joħroġ ċenteżmu biex jitranġaw. Bosta nqerdu biż-żmien li għadda minn fuqhom iżda llum**

**tieħu pjaċir tkun taf li min hu responsabbli minnhom qed jagħti kashom. Illum il-kwadri ex-voto igawdu rispett bħala arti popolari u bħala biċċa mill-ħajja kulturali ta' pajjiżna. Huma xhieda ta' ħajja reliġjuża ta' dawk ta' qabilna. Minkejja li ħfna nqerdu għad baqa' biżżejjed biex bl-istudju tagħhom insiru nafu xi ħaġ'oħra dwar kif konna snin ilu. Tieħu pjaċir tkun taf li fl-Universita ta' Malta daħlu xi teżijiet dwarhom. Ta' min jibza' għal dawk li fadal billi huma xhieda ta' niesna u biċċa mill-istorja marittima ta' Malta.**